MALTA

# QORTI ĊIVILI

# PRIM' AWLA

# ONOR. IMĦALLEF

# LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' April, 2016

Ċitazzjoni

Numru: 1152/92LM

**Joseph Grima**

**vs.**

**Carmelo Pace u b'digriet tal-11 ta' Diċembru, 1992, Brian Taylor għan-nom u in rappreżentanza ta' Mediterranean Underwriting Managers Limited u dawn bħala Managers tal-Motor Omnibus Pool ġie ammess jintervjeni fil-kawża *in statu et terminus;* u b'nota tal-11 ta' Diċembru, 2007 Motor Insurance Pool ġià Motor Omnibus Pool assumiet l-atti tal-kawża fil-vesti ta' intervenut fil-kawża minflok Brian Taylor għan-nom u in rappreżentanza ta' Mediterranean Underwriting Managers Limited u dawn bħala Managers tal-Motor Omnibus Pool**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-Ċitazzjoni ippreżentata fid-9 ta' Ottubru, 1992 mill-attur **Joseph Grima** (minn issa 'l quddiem "l-attur") li taqra hekk:

*"1. Billi fil-11 ta' Frar, 1992 waqt li l-istanti kien isuq il-car BMW nru J 7898 f'Tal-Barrani fid-direzzjoni taż-Żejtun din sfat involuta f'ħabta mal-bus nru Y-0332 u ġarbet ħsarat.*

*2. Billi għall-inċident kien jaħti l-konvenut minħabba imprudenza, negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti iżda dan qed jiċħad ħtijietu.*

*3. Billi l-import tad-danni mġarrba mill-istanti b'riżultat ta' dana l-inċident kien ta' elfejn mija u tnax-il lira sebgħa u tmenin ċenteżmu (LM2,112.87c).*

*Jgħid il-konvenut għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjarah responsabbli għall-inċident imsemmi u għad-danni kollha li sofra l-istanti b'riżultat tal-istess.*

2. *Tillikwida d-danni fl-ammont ta' LM2,112.87c jew somma ulterjuri occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*

3. *Tikkundannah iħallas lill-istanti ammont hekk dikjarat bħala dovut in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Marzu, 1992 u bl-imgħax min-notifika ta' dina ċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut li hu inġunt għas-subizzjoni.*

Rat illi l-konvenut **Carmelo Pace** għad li kien debitament notifikat ma ppreżentax nota tal-eċċezzjonijiet, u għalhekk għandu jitqies li hu kontumaċi.

Rat il-verbal tagħha kif diversament presjeduta (JSP) tal-11 ta' Diċembru, 1992[1] fejn laqgħet it-talba tad-ditta assigurattriċi tal-vettura misjuqa mill-konvenut sabiex tintervjeni *in status et terminis* u sabiex tingħata l-opportunità li tagħmel nota tal-eċċezzjonijiet.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ippreżentata fit-8 ta' Jannar, 1993 mill-intervenut fil-kawża **Brian Taylor nomine (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intervenuta fil-kawża**) permezz ta' liema qiegħed jopponi għat-talbiet attriċi billi eċċepixxa li:

*i.* *L-ewwel talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-inċident awtomobilistiku de quo ġara unikament ħtija tal-istess attur; għalhekk għandha tkun respinta;*

*ii.* *Konsegwentement ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-attur; b'hekk it-tieni talba hija insostenibbli;*

[1] A fol. 28 tal-proċess.

*iii.* *Isegwi li anke t-tielet talba għandha tkun miċħuda stante li l-konvenut m'għandux ikun kundannat iħallas danni lill-attur;*

*iv.* *Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mil-Liġi.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mill-attur flimkien maċ-ċitazzjoni attriċi.

Ħadet konjizzjoni tal-provi kollha miġbura.

Qrat ix-xhieda tal-attur **Joseph Grima** u tas-**Surġent 710 Joseph Mangion** prodott mill-attur li ppreżenta wkoll kopja tal-isketch u tal-okkorrenza waqt l-udjenza tal-21 ta' Mejju, 1993 quddiem Qorti diversament presjeduta.

Qrat in-nota tal-konvenut ippreżentata fil-21 ta' Mejju, 1992[2] li permezz tagħha esebixxa ħames (5) ritratti tal-ħsarat fiż-żewġ vetturi involuti fl-inċident mertu ta' din il-kawża.

Qrat ix-xhieda ta' **Francis Aveta** li ppreżenta wkoll *survey report* u l-kontinwazzjoni tax-xhieda tal-attur **Joseph Grima** li ppreżenta kont addizzjonali waqt l-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 1993 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta (JSP).

[2] A fol. 51 u 52 tal-proċess.

Qrat ix-xhieda ta' **Emanuele Agius** waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru, 1993 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta (JSP).

Qrat ix-xhieda ta' **Joseph Zammit** waqt l-udjenza tas-27 ta' Jannar, 1994 quddiem Qorti diversament presjeduta.

Qrat ix-xhieda ta' **Joseph Catania** waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu, 1994 quddiem Qorti diversament presjeduta.

Qrat ix-xhieda ta' **PS 564 Raphael Schembri** waqt l-udjenza tat-2 ta' Frar, 1995 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (JSP).

Rat il-verbal ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta (JSP) tat-30 ta' Mejju, 1995.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tad-19 ta' Jannar, 1999 (JSP) u rat ir-rikors tal-attur ippreżentat fl-1 ta' Ġunju, 1999 kif ukoll id-digriet tal-Qorti tat-23 ta' Ġunju, 1999 (JSP).

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta (JSP) mogħti fl-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2000[3] fejn is-Sur Philip Zammit ġie nominat bħala Perit Tekniku biex jirrelataw dwar it-tiswija tal-vettura tal-attur u kif id-danni jistgħu jiġu relatati mal-inċident.

[3] A fol. 140 tal-proċess.

Rat il-verbal u d-digriet mogħti fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2000[4] fejn il-Qorti kif diversament presjeduta (JSP) ġiet infurmata li l-karozza inkwistjoni illum ġiet distrutta f'nirien li ħakmuha fl-1999 u dwar il-kwistjoni li tittratta b'mod partikolari il-*gearbox* tal-karozza tal-attur, l-attur kien biddel diversi snin qabel il-*gearbox* tal-vettura tiegħu għand l-istess aġenti tal-BMW u għalhekk jista' jkun hemm diffikultà sabiex jiġu stabbiliti d-danni f'din il-kawża. Il-Qorti għalhekk inkarigat lill-Perit Tekniku sabiex jisma' il-provi dwar dan il-fatt u jirrelata bil-miktub dwar l-istess ċirkostanza. Il-Qorti kif diversament ippresjeduta (JSP) innominat lil Dr Antoine Naudi bħala Perit Legali biex jassisti lill-Perit Tekniku bil-fakultajiet kollha soliti inkluż li jisma' xhieda bil-ġurament dwar ir-responsabbiltà tal-inċident inkwistjoni u jirrelataw bil-miktub dwar ir-riżultanzi.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Antoine Naudi u tal-Perit Tekniku s-Sur Philip Zammit nominati mill-Qorti ppreżentat fit-28 ta' Frar, 2003.[5]

Rat li fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2004[6] l-attur talab li jippreżenta nota ta' kritika għar-rapport tal-Perit Legali u rat il-verbal tal-Qorti diversament presjeduta (GC) fejn laqgħet it-talba u akkordat terminu lill-attur sabiex jippreżenta tali nota.

[4] A fol. 143-144 tal-proċess.
[5] A fol. 175 sa 202 tal-proċess.
[6] A fol. 203 tal-proċess.

Rat in-nota ta' kritika tal-attur għar-rapport tal-Perit Legali ippreżentata fis-17 ta' Mejju, 2004.[7]

Rat in-nota tal-attur ippreżentata fis-17 ta' Mejju, 2004 li permezz tagħha huwa esebixxa sentenza li għaliha għamel referenza fin-nota ta' kritika tiegħu.[8]

Rat in-nota responsiva tal-konvenut għan-nota ta' kritika tal-attur għar-rapport tal-Perit Legali ppreżentata fit-22 ta' Ġunju, 2004.[9]

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili diversament presjeduta mogħtija (GC) fit-12 ta' Jannar, 2007.[10]

Rat ir-rikors ta' Appell tal-attur appellant ippreżentat fil-31 ta' Jannar, 2007.[11]

Rat ir-risposta tal-Appell tal-konvenut appellat ippreżentata fit-28 ta' Frar, 2007.[12]

Rat ir-risposta tal-Appell tal-intervenut fil-kawża ppreżentata fl-14 ta' Diċembru, 2007.[13]

[7] A fol. 205 sa 210 tal-proċess.
[8] A fol. 211 sa 224 tal-proċess.
[9] A fol. 225 sa 230 tal-proċess.
[10] A fol. 245 sa 248 tal-proċess.
[11] A fol. 250 sa 263 tal-proċess.
[12] A fol. 265 sa 267 tal-proċess.
[13] A fol. 278 sa 279 tal-proċess.

Rat is-sentenza tal-Appell mogħtija fis-26 ta' Ġunju, 2009.[14]

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta (GC) tal-1 ta' Frar, 2010[15] fejn il-Qorti reġgħet irrimettiet l-atti lill-Periti Ġudizzjarji ċjoè Mr Philip Zammit u Dr Antoine Naudi sabiex jirrelataw dwar il-likwidazzjoni tad-danni, inklużi dawk fil-*gearbox* jekk ikun il-każ.

Rat in-nota tal-attur ippreżentata fl-14 ta' Ottubru, 2011[16] li permezz tagħha huwa appella mid-dritt intaxxat lill-Perit Tekniku in vista tar-relazzjoni ulterjuri ppreżentata minnu.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta (GC) mogħtija fis-16 ta' Mejju, 2014[17] fejn ġie miċħud l-appell tal-attur mid-dritt intaxxat lill-Perit Tekniku.

Rat is-surroga tat-18 ta' Settembru, 2014 fejn din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif inhi llum presjeduta (LM).

Rat in-nota tal-attur u d-dokumenti esebiti ma' din in-nota fit-28 ta' Jannar, 2015.[18]

[14] A fol. 290 sa 296 tal-proċess.
[15] A fol. 252 tal-proċess.
[16] A fol. 270 tal-proċess.
[17] A fol. 282 sa 286 tal-proċess.
[18] A fol. 293 tal-proċess.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Antoine Naudi u tal-Perit Tekniku s-Sur Philip Zammit datata 22 ta' Frar, 2011 imma li ġiet maħlufa fil-21 ta' April, 2015.[19]

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2015 l-attur talab li jippreżenta nota ta' kritika għar-rapport tal-Periti Ġudizzjarji u rat id-digriet tagħha fejn laqgħet it-talba u tagħtu sal-aħħar ta' Lulju 2015 sabiex jippreżenta tali nota u akkordat ukoll lill-konvenut sal-aħħar ta' Settembru 2015 sabiex jippreżenta n-nota responsiva tiegħu.[20]

Rat in-nota ta' kritika tal-attur għar-rapport tal-Periti Ġudizzjarji ppreżentata fil-31 ta' Lulju, 2015.[21]

Rat ir-risposta għan-nota ta' kritika tal-konvenut għar-rapport tal-Periti Ġudizzjarji ppreżentata fl-14 ta' Ottubru, 2015.[22]

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Frar, 2016 fejn il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

[19] A fol. 304 sa 313 tal-proċess.
[20] A fol. 318 tal-proċess.
[21] A fol. 319 sa 321 tal-proċess.
[22] A fol. 329 sa 337 tal-proċess.

Illi din hija kawża sabiex jiġu likwidati d-danni kkaġunati wara inċident awtomobilistiku fejn l-ewwel talba attriċi għal dikjarazzjoni dwar ir-responsabbiltà għall-imsemmi inċident awtomobilistiku diġà ġiet deċiża u dan wara li l-Qorti tal-Appell kienet irriformat sentenza tal-Ewwel Qorti diversament presjeduta (GC), fis-sens illi stabbiliet ir-responsabbiltà għal dan l-inċident kwantu għal żewġ terzi (2/3) tort tal-konvenut Carmelo Pace u terz (1/3) tort tal-attur Joseph Grima.

Fl-istadju li tinsab fih il-kawża odjerna din il-Qorti trid tiċċediedi t-tieni u tielet talbiet attriċi fejn l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti: (1) Tillikwida d-danni fl-ammont ta' LM2,112.87c jew somma ulterjuri occorrendo bl-opra ta' periti nominandi; (2) Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur ammont hekk dikjarat bħala dovut in linea ta' danni.

Illi għalhekk din il-Qorti sejra tillimita ruħha għal dawk il-provi li jitfgħu dawl fuq il-kwistjoni ta' likwidazzjoni ta' danni biss.

Illi f'dan il-każ din il-Qorti jidhrilha illi għandha teżamina bir-reqqa r-relazzjoni tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Antoine Naudi u tal-Perit Tekniku s-Sur Philip Zammit nominati mill-Qorti (minn issa "il-Periti Ġudizzjarji") u d-dokumenti esebiti flimkien ma' din ir-relazzjoni, ippreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 imma maħlufa fil-21 ta' April, 2015, fejn apparti l-materja ta' reponsabbiltà li ġiet finalment deċiża mill-Qorti tal-Appell, wara li dik il-Qorti rriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti diversament presjeduta fuq

dan il-punt, ġiet ittrattata wkoll il-likwidazzjoni tad-danni sofferti u kif ukoll ir-relazzjoni ulterjuri tal-istess Perit Legali u Perit Tekniku li permezz ta' digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-1 ta' Frar, 2010 intalbu jirrelataw dwar il-likwidazzjoni tad-danni, inklużi dawk fil-*gearbox* tal-karozza tal-attur.

Illi fl-ewwel relazzjoni tagħhom il-Perit Legali l-Avukat Dottor Antoine Naudi u l-Perit Tekniku s-Sur Philip Zammit kienu waslu għall-konklużjoni li t-tort tal-inċident mertu ta' din il-kawża kien attribwit unikament lill-attur u għaldaqstant ma kinux daħħlu fil-kwistjoni tad-danni. Sussegwentament kien hemm appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti peress illi dik il-Qorti kienet straħet fuq ir-relazzjoni sudetta.

Illi din il-Qorti tinnota li hija t-tieni relazzjoni li tixħet dawl fuq id-danni subiti u kif għandhom jiġu likwidati peress illi din ir-relazzjoni kienet saret wara li l-Qorti tal-Appell kienet reġgħet bagħtet l-atti tal-kawża lill-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwar id-danni u l-likwidazzjoni tagħhom, inkluż jekk ikun il-każ dawk id-danni fil-*gearbox*. Allura fil-fehma ta' din il-Qorti hija din ir-relazzjoni u n-noti ta' kritika għaliha li trid tieħu konjizzjoni tagħhom sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha.

Illi l-konklużjonijiet tal-esperti nominati mill-Qorti qedgħin jiġu riprodotti hawn taħt:

"a. Illi fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2009, l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabet lill-attur Joseph Grima u lill-konvenut Carmelo Pace it-tnejn responsabbli għal dan l-inċident kwantu għal żewġ terzi (2/3) tort tal-konvenut Pace u terz (1/3) tort tal-attur Grima bl-ispejjeż tal-appell u dawk tal-ewwel istanza skont ir-rispettiv rebħ u telf;

b. Illi fid-dawl tal-premess, tenut kont tal-assjem tal-provi u tal-konsiderazzjonijiet tagħhom hekk kif elenkati fil-klawsola erbgħa (4) ta' dan ir-rapport, l-esponenti jikkonkludu illi l-ammont totali tad-danni li ġew sofferti fl-inċident mill-attur u li għalihom huwa responsabbli l-konvenut huma żewġ terzi (2/3) ta' dawk lli jirriżultaw mill-irċevuti kollha esebiti mill-attur (li jammontaw għas-somma ta' erbat elef, tmien mija sebgħa u għoxrin Lira Maltin u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm4,827.26) (ekwivalenti llum għas-somma ta' €11,244.49) nieqes dawk esebiti bħala Dok JG1 u JG2 li bejniethom jammontaw għas-somma ta' Lm1,502.52 ekwivalenti llum għas-somma ta' €3,499.93.

ċ. Għaldaqstant, fil-fehma tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti għandha:

1. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-inċident stradali tal-11 ta' Frar, 1992, u li għalihom jaħti l-konvenut, fis-somma ta' ħamest elef mija tlieta u sittin euro u erba' ċenteżmi (€5,163.04).

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas din is-somma lill-attur u dan oltre l-ispejjeż fil-proporzjon deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell u l-imgħaxijiet kif jistgħu jiġu deċiżi minn din l-Onorabbli Qorti."

Illi din il-Qorti tinnota illi ma saret l-ebda talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali u lanqas ma ġiet imressqa xi prova li setgħet b'xi mod twaqqa' ir-rapport tal-periti nominati mill-Qorti.

Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Richard Falzon vs. Construct Furniture Limited** PA (RCP) - deċiża fis-7 ta' Diċembru, 2006 u s-sentenzi hemm ċitati, il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skont il-liġi prova ta' fatt li għandhom bħala tali jiġu meqjusa mill-Qorti.

Il-Qorti mhijiex obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u għandha dritt li tiskartah, kif tista' tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra però, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li għandu jingħata piż debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma għandhiex leġġerment tinjora dik il-prova.[23]

Illi skont l-Artikolu 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhix marbuta li taċċetta il-konklużjonijiet tal-perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha. Ġie deċiż, iżda, illi:-

[23] Ara s-sentenzi fl-ismijiet **John Saliba vs. Joseph Farrugia**, Qorti tal-Appell deċiż fit-28 ta' Jannar, 2000; u **Joseph Calleja nomine vs. John Mifsud**, Qorti tal-Appell, deċiż fid-19 ta' Novembru, 2001.

> "Dan ma jfisserx però illi l-Qorti tista' tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taħt eżami" (**Philip Grima vs. Carmelo Mamo et nomine**, Qorti tal-Appell, 29 ta' Mejju 1998).[24]

Anzi, ġie wkoll sew ritenut illi:

> "F'ċirkostanzi bħal dawn ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-dispożizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b'mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati" (**Benjamin Camilleri nomine vs. Charles Debattista nomine**, Qorti tal-Appell, 9 ta' Frar, 2001).

Il-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta' tali relazzjoni ma kinitx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni però kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku (**Cauchi vs. Mercieca**, Qorti tal-Appell deċiż fis-6 ta' April, 1999; u **Saliba vs. Farrugia,** Qorti tal-Appell deċiż fit-28 Jannar, 2000).

Illi l-Periti Ġudizzjarji waslu għall-konklużjoni illi mill-provi kollha li ġew prodotti fil-kawża u *on a balance of probabilities*, l-allegati ħsarat fil-*gearbox* tal-vettura tal-attur ma kinux riżultat dirett tal-inċident inkwistjoni u għaldaqstant peress li ma ġiex ippruvat in-ness importanti bejn il-kawża

[24] Qorti tal-Appell **Giswarda Bugeja vs. Emanuele Muscat** [1967] Vol.LI.I.390.

u l-effett tal-inċident fir-rigward tal-allegati ħsarat fil-*gearbox*, l-irċevuti ppreżentati bħala Dok. JG1 u JG2[25] għandhom jiġu skartati.

Illi wara li din il-Qorti eżaminat bir-reqqa ir-relazzjoni tal-Periti Ġudizzjarji kif ukoll in-noti ta' kritika għall-istess relazzjoni, hija tal-fehma li m'għandhiex tiddisturba l-konklużjonijiet li waslu għalihom l-esperti nominati mill-Qorti u għaldaqstant qiegħda tagħmilhom tagħha u dan peress li mill-provi li ġew imressqa ma tistax tgħid li jeżistu raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju l-konklużjonijiet li waslu għalihom l-imsemmija esperti jew li l-konklużjoni tar-relazzjoni tagħhom ma kinitx ġusta u korretta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

**Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-inċident stradali tal-11 ta' Frar, 1992, u li għalihom jaħti l-konvenut, fis-somma ta' ħamest elef mija tlieta u sittin euro u erba' ċenteżmi (€5,163.04).**

**Tikkundanna lill-konvenut iħallas din is-somma lill-attur u dan oltre tnejn minn tlieta (2/3) tal-ispejjeż tal-kawża u bl-imgħaxijiet mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni.**

[25] A fol. 80 u 81 tal-proċess.

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------